# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2001

**Numru 65**

**Citaz. numru: 2722/96 NA**

**Maria Antonia Sciberras, Frances Sciberras, Nazzareno Sciberras, Concetta Mifsud, Giuseppina Camilleri, Liberata Galea, Paul Sciberras ilkoll ahwa Sciberras ulied il-mejjet Emanuel**

**vs**

1. **Catherine mart Grazio Ebejer**
2. **L-Avukat Generali**

**Att Numru XXXII tal-1997 - Ordni Pubbliku - Retroattivita'.**

**Fil-fehma tal-Qorti l-Att fuq imsemmi kien wiehed ta' Ordni Pubbliku almenu fis-sub-artikolu (2) tieghu. Kellu ghalhekk ikollu effett retroattiv anke f'proceduri gia inizjati stante illi n-natura tieghu huwa wiehed procedurali u l-import tieghu kellu jigi sollevat direttament mill-Qorti.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-13 ta' Settembru 1996 fejn ippremettew:-

"Illi l-atturi kellhom appell fejn huma kienu parti fil-kawza quddiem il-Qorti ta' l-Appell minn decizjoni li kienet inghatat mill-Bord li Jirregola l-Kera (Rikors Numru 20B/86) fl-ismijiet "Catherine mart Grazio Ebejer vs Maria Antonia Sciberras et";

Illi l-appell gie quddiem il-Qorti ta' l-Appell u sentenza relattiva inghatat fis-26 ta' Marzu 1996 fejn kien ordnat l-izgumbrament ta' l-attrici Maria Assunta Sciberras mir-raba tal-Matla fl-Imqabba;

Illi fis-smiegh ta' l-appell, il-Qorti kienet komposta minn tlitt Imhallfin u dan kif irrizulta wkoll mill-imsemmija sentenza esebita (Dokument "A");

Illi bl-Att XIX tal-1993, gew emendati diversi ligijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-Bordijiet u fosthom skond l-iskeda taht it-titolu "Bord li Jirregola l-Kera" fl-Artikolu 5 ta' l-istess jinghad li l-Qorti ta' l-Appell f'tali kazi ghandha tkun komposta

minn Imhallef wiehed skond kif jiddisponi l-Artikolu 41 (6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell komposta kolleggjament, li tat is-sentenza msemmija ma kenitx kostitwita skond il-ligi u dan id-difett mhux rimedjabbli stante li dik il-Qorti ma kellhiex warajha l-awtorita' tal-ligi, u ghalhekk is-sentenza moghtija minnha hija nulla u bla effett;

TALBU li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li s-sentenza moghtija fis-26 ta' Marzu 1996, mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjament komposta, fil-kawza deciza antecedentement mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet "Catherine mart Grazio Ebejer vs Maria Antonia Sciberras et" (Rikors numru 20B/86) hija nulla u bla effett stante li l-Qorti ma kenitx komposta skond il-ligi u ghalhekk inghatat mill-Qorti mhix konoxxuta mil-ligi li kellha kompetenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnhom esebit;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-Avukat Generali tal-20 ta' Gunju 1997 fejn eccepixxa:

1. "Illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni li tirrigwarda relazzjonijiet guridici bejn l-atturi u persuni ohra li ghalihom huwa estraneju;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-irritwalita' ta' l-azzjoni stante li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili bhala Qorti ta' l-ewwel grad m'ghandhiex il-gurisdizzjoni biex tissindika l-operat tal-Qorti ta' l-Appell li hija Qorti ta' gurisdizzjoni oghla minnha;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intempestivita' ta' l-azzjoni stante li jekk dehrilhom illi l-Qorti ta' l-Appell ma kenitx komposta kif suppost fis-smiegh tal-kawza taghhom l-atturi imisshom qajjmu l-kwistjoni ta' l-inkompetenza waqt il-kawza u ma jistghux issa jqajmuha wara li l-kawza inqatghet u wara li huma

qaghadu ghall-gudizzju tal-Qorti kif kienet komposta u dan, di piu', permezz ta' kawza ohra;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Ebejer tat-30 ta' Settembru 1997 fejn eccepiet:-

1. "Illi d-domanda attrici hi infondata billi l-fatt lamentat ma jwassalx ghan-nullita' mitluba anki ghaliex l-atturi stess qaghdu ghal dak li llum qed jilmentaw minnu (li cioe' l-appell taghhom instema' quddiem tlett Imhallfin u mhux wiehed)."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Ikkunsidrat:-

Illi apparti milli diversi mill-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuti huma validi mil-lat legali din il-Qorti jidhrilha li s-soluzzjoni ta' din il-vertenza li hija wahda purament ta' natura legali temergi mil-Att Numru XXXII tal-1997.

Dan l-Att jipprovdi specifikatament fil-konfront tal-premessi u talbiet citattivi fl-Artikolu 2 (1) tieghu:

> "***2.(1)*** *Minkejja d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 24 ta' l-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini, kif emendat bl-Att ta' l-1993 dwar Emenda fil-Ligijiet dwar Bordijiet, u ta' l-artikolu 10 ta' l-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba, kif emendat bl-imsemmi Att ta' l-1993 dwar emenda fil-Ligijiet dwar Bordijiet, appelli mill-Bord li jirregola l-Kera u mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba, appuntati ghas-smigh quddiem il-Qorti ta' l-Appell, kif ordinarjament maghmula, bejn l-1 ta' Ottubru, 1993 u d-dhul fis-sehh ta' dan l-Att, ghandhom, minkejja li dawn ma gewx appuntati ghas-smigh quddiem dik il-qorti kif maghmula skond is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jitqiesu bhala li gew validament appuntati u ghandhom ikomplu jinstemghu u jigu decizi mill-imsemmija qorti kif ordinarjament maghmula, u kull appell li jkun gie hekk appuntat quddiem l-imsemmija qorti, kif ordinarjament maghmula, u li jkun gie deciz qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att, ghandu jitqies bhala li jkun gie validament deciz minkejja li l-Qorti ta' l-Appell ma kinetx maghmula skond ma hemm fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 ta' dak il-Kodici.*"

Dan l-Artikolu ghandu jitqies bhala wiehed ta' Ordni Pubbliku li l-legislatur hass li kellu jigi promulgat biex fl-interess tal-

gustizzja jissana inezattezza minima u zgur li mhux sostanzjali fil-komposizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-appelli mill-Bordijiet imsemmija fl-Artikolu in kwistjoni. Bhala provvediment ta' Ordni Pubbliku u li huwa ta' natura procedurali dan l-Artikolu ghandu jkollu effett retroattiv kif huwa zgur ikkontemplat li kellu jkollu anke mid-dicitura ta' l-istess Artikolu u ghandu jigi ssollevat anke mill-Qorti direttament. F'dan il-forum ghalhekk dan l-Artikolu wahdu ghandu jwassal ghac-cahda tat-talbiet attrici. Ghal kull buon fini pero' jinghad obiter illi l-principju ta' dan l-Att gie kkonfermat mil-lat kostituzzjonali mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Grazio Tabone et vs L-Avukat Generali et" deciza fil-31 ta' Lulju 2000 (Rikors Nru: 660/98).

Fir-rigward ta' l-ispejjes peress illi l-Qorti tabbraccja wkoll l-eccezzjoni tal-konvenut Ebejer u t-tielet eccezzjoni ta' l-Avukat Generali, l-ispejjes tal-kawza ghandhom ikunu kollha ssopportati mill-atturi.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.